MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-28 ta' April, 2010

Appell Kriminali Numru. 121/2008

**Il-Pulizija**

**v.**

**Hadrian Busietta**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Hadrian Busietta talli fl-1 Gunju 2007 ghall-habta tal-11.23 hrs fi Triq San Mark, Valletta:

(1) Saq il-vettura EBA-534 minghajr ma kienet licenzjata mill-Awtorita` dwar it-Trasport ta' Malta biex tintuza fit-triq (licenzja mhux rinnovata);

(2) Ghamel uzu mill-imsemmija vettura minghajr ma kienet koperta b'polza tas-sigurta`.

Il-prosekuzzjoni talbet li l-imsemmi Hadrian Busietta jigi skwalifikat mil-licenzji kollha tieghu tas-sewqan;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-24 ta’ April 2008, li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat ir-regolamenti 14(1) u 51(7)(a) tal-A.L. 476/2004, l-artikolu 15(1)(a)(3) tal-Kap. 65 u l-artikolu 3 tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-imsemmi Hadrian Busietta hati ta’ l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u kkundannatu ghal multa ta’ €174.70 ekwivalenti ghal Lm75 ghall-ewwel imputazzjoni u multa ta’ €2329.37 ekwivalenti ghall-Lm1000 ghat-tieni imputazzjoni. Inoltre dik il-Qorti skwalifikatu ukoll milli jkollu licenzja jew milli jikseb xi licenzja tas-sewqan ghal zmien tnax-il (12) xahar mid-data tas-sentenza appellata u dan bl-applikazzjoni ta’ l-artikolu 3(2A) tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-imsemmi Hadrian Busietta pprezentat fis-7 ta’ Mejju 2008 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata billi tiddikjarah mhux hati tal-imputazzjonijiet kollha u tilliberah minn kull imputazzjoni u htija skond il-ligi u fil-kaz li din il-Qorti tikkonferma l-htija tieghu taht l-ewwel u t-tieni mputazzjonijiet li tvarja l-piena nflitta ghal piena ohra nqas skond il-ligi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta’ l-appellant huma fil-qosor is-segwenti: (1) li r-reat kontemplat fl-ewwel imputazzjoni (art. 15(1)(a) tal-Kap. 65) huwa delitt u ghalhekk il-prosekuzzjoni trid tipprova kemm l-element intenzjonali kif ukoll l-element materjali. F’dan il-kaz l-appellant isostni li l-prosekuzzjoni ma ppruvatx l-element intenzjonali; (2) li dwar it-tieni imputazzjoni, l-artikolu 3(1B) tal-Kap. 104 jippostula l-unika difiza legalment possibbli, ghajr ghall-principji generali tad-dritt penali nostran, li tista’ tingieb ‘il quddiem

bhala difiza valida ghall-prosekuzzjoni taht l-artikou 3 tal-Kap. 104, u cioe` li l-imputat jipprova, sal-grad rikjest minnu mil-ligi, li huwa ma kienx jaf li kien qieghed jikkommetti dan id-delitt u li huwa kien ezercita kull diligenza dovuta biex ma jhallix li dan ir-reat isir. L-appellant isostni li tali prova ghamilha; (3) li dwar il-perijodu ta' sospensjoni, huwa wera ragunijiet specjali ghaliex, u dan minghajr pregudizzju ghas-sottomissjonijiet tieghu dwar il-htija, ma kellux jigi kkundannat ghal perijodu ta' sospensjoni hekk eccessiv.

Il-fatti tal-kaz huma semplici. L-appellant kellu Jeep EBA-534 li kien biegh lil silfu Marco D'Agata izda kien ghadu ma sarx trasferiment u sadattant l-imsemmi D'Agata miet f'incident awtomobilistiku. Bint D'Agata kienet ghadha minorenni u gie miftiehem li l-appellant izomm il-vettura sakemm hi ssir maggorenni u jkollha l-licenzja tas-sewqan. Meta ottjeniet il-licenzja u talbet il-vettura, l-appellant ftiehem ma' ommha Larissa D'Agata li hu kien se jiehu hsieb it-tiswijiet li kellha bzonn il-vettura u hi tiehu hsieb il-licenzja u assigurazzjoni. Taha d-dokumenti mehtiega xahar qabel ma kellha tiskadi l-licenzja. Fl-1 ta' Gunju 2007, l-ghada li kienet skadiet l-assigurazzjoni, ha l-vettura minghand il-mekkanik biex juzaha ghal gurnata bhala *test drive*. Meta kien il-Belt Valletta kien involut f'incident awtomobilistiku. Issejjah *warden* fuq il-post biex jaghmel rapport ta' l-incident. L-appellant cempel lin-neputija tieghu beix ittieh id-dettalji tal-polza ta' l-assigurazzjoni u hemm skopra li l-vettura kienet ghadha ma gietx assigurata u licenzjata. Larissa D'Agata tikkonferma li kienet assigurat lill-appellant li se tiehu hsieb kollox hi, izda ltaqghet ma' xi komplikazzjonijiet li minhabba fihom ma setghetx tottjeni l-assigurazzjoni qabel ma din skadiet fl-ahhar ta' Mejju 2007. Larissa D'Agata qalet ukoll li ma nfurmatx b'dan lill-appellant izda lil bintha.

L-appellant isostni li hu ma kienx jaf li l-vettura ma kinitx giet la assigurata u lanqas licenzjata. Hawn issir referenza ghall-gurisprudenza in materja.

Fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Darren Attard** deciz fit-3 ta' Settembru 2001 intqal:

**"L-element formali ta' dan ir-reat [sewqan ta' vettura li ma jkollhiex licenzja] jikkonsisti fil-konsapevolezza li wiehed qed isuq vettura mhux licenzjata, konsapevolezza li pero`, bhala kwistjoni ta' fatt, tista' tigi presunta fil-kaz ta' persuna li effettivament tkun qed issuq vettura mhux licenzjata peress li, skond gurisprudenza kostanti, huwa obbligu ta' kull min isuq vettura fit-triq li qabel ma jibda jsuq jaccerta ruhhu, u jiehu l-prekawzjonijiet kollha biex jassigura, li dik il-vettura tkun licenzjata (kif ukoll li tkun koperta bid-debita polza ta' assigurazzjoni). Bizzejjed jinghad li wiehed mill-modi kif wiehed jista' facilment jivverifika li l-vettura hija licenzjata hu li jara l-licenzja li skond il-ligi trid tkun imwahhla mal-*windscreen*. Mill-banda l-ohra, jista' jkun hemm cirkostanzi li jinnewtralizzaw dana l-element formali jew soggettiv, bhal fil-kaz ta' persuna li tigi indotta fi zball genwin u ragjonevoli dwar il-licenzja tal-vettura."**

Fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Roderick Gerada** deciz fl-14 ta' Frar 2001, intqal;

**"Illi kif dejjem gie ripetutament ritenut, meta persuna issuq vettura, aktar u aktar meta din ma tkunx taghha u li f'hafna kazijiet tkun qed issuqha in konnessjoni max-xoghol taghha, ir-responsabbilta' li jigi verifikat jekk dik il-vettura hiex regolarment licenzjata biex tinstaq fit-triq taqa' unikament fuq dik il-persuna."**

Fis-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta tat-30 ta' April 1993 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Alexander Frendo**, intqal hekk:

**"L-appellant qieghed jissottometti illi ghalkemm ir-reat teknikament kien jezisti, ic-cirkostanzi pero` kienu tali illi l-polza tal-assigurazzjoni kienet skadiet biss bi ftit granet u kienet sforz it-traskuragni iktar milli haga ohra illi huwa kien ghadu ma hallashiex u**

**ghalhekk fic-cirkostanzi ma kienx il-kaz illi l-licenzja tas-sewqan tigi sospiza ghal sena shiha.**

**Din il-Qorti ghalkemm tapprezza illi bejn il-kaz prezenti u kazijiet ohra fejn persuna ssuq meta ma tkunx koperta b'polza ta' assigurazzjoni kapriccozament, hemm differenza. Pero` cio` nonostante jibqa' l-fatt illi l-konsegwenzi illi seta' kien hemm kieku sfortunatament gara incident, kienu jkunu l-istess u huwa proprju ghalhekk illi l-legislatur ma qaghadx joqghod jiddistingwi bejn kaz u iehor."**

F'sentenza ohra ta' din il-Qorti diversament presjeduta ta' l-24 ta' Novembru 2000 fl-ismijiet **The Police v. Beverley Sciberras**, intqal hekk:

**"It must be said, however, that none of the reasons submitted by the appellant could justify this Court in accepting her appeal. Once she decided to drive the vehicle in question, then it was her sole responsibility to check and assure herself that all licences and insurance policies were in order. It is of no excuse whatever for her to state that it was her husband who looked into these matters and that, therefore, she assumed that everyting was in order. It is always the sole responsibility of any driver to be absolutely certain that all licences and insurance policies are according to law, and this prior to driving any vehicle."**

Qabel ma persuna taqbad u ssuq vettura ta' haddiehor, din ghandha tassigura ruhha li dik il-vettura tkun debitament assigurata biex tinsaq minnha. Il-konsegwenzi tan-nuqqas ta' kopertura ta' assigurazzjoni f'kaz ta' incident jistghu jkunu serji hafna (ara Appell Kriminali **Il-Pulizija v. John Mary Sacco**, 8 ta' Jannar 1996).

U fl-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Francis Bartolo** deciz fit-28 ta' Gunju 2002, l-appellant f'dak il-kaz kien ippermetta lil ibnu jsuq il-vettura tieghu ghax kien minghalih li l-polza ta' assigurazzjoni kienet tkopri anke lil ibnu ghax meta mar jirrinnova l-assigurazzjoni huwa kien

talab lill-persuna addetta sabiex l-assigurazzjoni tkun tkopri “lil kulhadd li ghandu ‘l fuq minn tmintax-il sena”. L-appellant pero` ammetta li hu ma qarax il-kopja tal-polza li kien ircieva u anqas ghamel xi verifiki ohra biex jassigura ruhu li dak li kien qal lill-persuna addetta mir-*renewals* ghar-rigward tal-kopertura fil-fatt kien sar. L-appellant hemm ikkontenda li si trattava ta’ *a mistake of fact* u li ma setax ghalhekk jigi ritenut responsabbli skond is-subartikolu (1) ta’ l-artikolu 3 tal-Kap. 104. Din il-Qorti, kif diversament presjeduta qalet hekk:

**“Din il-Qorti ma taqbilx. Apparti li zball ta’ fatt, biex jinnewtralizza r-responsabbilta` penali, irid ikun zball ‘essenzjali’ (jigifieri zball dwar xi wiehed mill-elementi mehtiega ghall-ezistenza tar-reat – f’dan il-kaz ma hemmx kontestazzjoni dwar l-essenzjalita` ta’ l-izball), fil-kaz tar-reat kontemplat fl-Artikolu 3(1) in dizamina jrid ikun ukoll zball ‘inevitabbli’, cioe` li ma setax jigi evitat bl-uzu ta’ attenzjoni normali. Kif gie ritenut diversi drabi mill-Qrati ta’ Gustizzja Kriminali, l-Artikolu 3(1) tal-Kap. 104 jimponi obbligu fuq kull min juza vettura, jew igieghel jew jippermetti lil haddiehor li juza vettura, li <u>qabel xejn jivverifika biex jara li dik il-vettura, jew dik il-persuna li tkun ser issuq, tkun koperta bid-debita assigurazzjoni</u> (ara, fost ohrajn, *Il-Pulizija v. Roderick Gerada* App. Krim. 14/2/2001, li ghaliha hemm referenza anke fis-sentenza appellata). Id-debita kopertura tal-assigurazzjoni hija intiza ghall-protezzjoni tal-pubbliku, u wiehed ma jistax jezimi ruhu mir-responsabbilta` penali taht l-imsemmi Artikolu 3(1) jekk ma jkunx ghamel il-verifiki kif suppost. L-aktar haga elementari li wiehed hu mistenni li jaghmel hi li jaqbad il-polza ta’ assigurazzjoni u jaqraha jew, jekk ma jafx jaqra, almenu jaghtiha lil xi hadd li jista’ jaqrahielu, proprju biex jara min hu kopert u min ma hux. L-appellant *ex admissis* dan ma ghamlux. Ghalhekk l-ewwel aggravju tieghu ser jigi respint.”**

U fl-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Carmen Spiteri**, deciz fit-30 ta’ Ottubru 1991, gie ritenut:

**"L-aggravji ta' l-appellant huma tnejn. L-ewwel wiehed hu li l-karozza in kwistjoni kienet ta' hu l-appellanti, u hi kienet isselfitha minn ghandu, bla ma kienet taf li ma kinitx assikurata. F'dan ir-rigward l-artikolu 3(1) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet [ta' Malta] ighid li hadd ma jista' juza vettura tal-mutur fit-toroq jekk ghall-uzu ta' dik il-vettura minnu ma tkunx issehh polza ta' sigurta` dwar ir-riskji tat-terzi. Dan l-artikolu kjarament jobbliga lil min juza vettura, li jaccerta ruhu li dik il-vettura tkun koperta b'assikurazzjoni skond il-ligi. Il-fatt li l-appellanti ma kinitx taf li l-car ma kinitx assikurata, ghalhekk, ma jiskuzahiex."**

Hekk ukoll fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Maria Bezzina** deciz fit-12 ta' Dicembru 2000, intqal:

**"Kif hu stabbilit u kostantement ritenut, huwa dejjem u biss is-sewwieq tal-vettura li ghandu l-obbligu legali li qabel ma jsuq xi vettura, aktar u aktar jekk din ma tkunx tieghu, jara li din tista' tinsaq barra regolarment fis-sens li tkun koperta minn licenzja tas-sewqan u polza ta' assigurazzjoni."**

Fid-dawl ta' din il-gurisprudenza li din il-Qorti tikkondividi pjenament, huwa evidenti illi l-izball ta' l-appellant ma kienx wiehed inevitabbli, u lanqas li seta' jaghmel kien, li qabel ma jiehu l-vettura in kwistjoni ghal *test drive* icempel lil Larissa D'Agata biex jikkonferma maghha jekk kinitx ottjeniet l-assigurazzjoni u licenzja. Difatti huwa kien jaf li l-licenzja kienet tiskadi proprju fl-ahhar ta' Mejju. U bhalma cempel <u>wara</u> li kellu l-incident biex jinghata d-dettalji, xejn ma kien hemm milli jzommu jcempel <u>qabel</u> ma ha l-vettura ghal *test drive*. Imbaghad, stante li l-vettura ma kinitx licenzjata, il-licenzja li kellha mwahhla mal-*windscreen* zgur ma kinitx dik aggornata, u dan biss kellu jgieghlu qabel xejn jaccerta ruhu dwar is-sitwazzjoni. Ghalhekk, in kwantu jirrigwarda t-tieni imputazzjoni ma jistax jinghad illi l-appellant **"ezercita kull diligenza dovuta biex ma jhallix li r-reat isir"** (art. 3(1B) tal-Kap. 104). In kwantu mbaghad l-ewwel imputazzjoni, mhemmx dubju li l-appellant kien jaf li l-licenzja mal-*windscreen*

kienet skadiet u nonostante cio` ma ghamilx il-verifiki mehtiega.

F'dawn ic-cirkostanzi ghalhekk l-ewwel zewg aggravji ma jimmeritawx li jigu milqugha.

Is-sejbien ta' htija skond is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 3 tal-Kap. 104 inissel ukoll bhala konsegwenza l-iskwalifika tal-licenzja tas-sewqan ghal perijodu ta' tnax-il xahar b'dan li l-Qorti ghandha d-diskrezzjoni illi f'certi cirkostanzi li hi tqis bhala ragunijiet specjali tnaqqas jew izzid mill-perijodu ta' skwalifika, jew taghti kull ordni ohra, cioe` li anke addirittura ma tapplikax tali skwalifika.

Fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Angelo Cassar** deciz fit-2 ta' Frar 1957 intqal:
**"il-fatt li wiehed jahseb li jkun 'covered' ma hux affattu, sic et simpliciter, 'special reason'. Kif din il-Qorti kellha okkazjoni tirrileva, din il-frazi 'special reasons', fil-kuntest ta' din il-ligi, gejja mil-ligi Ingliza, u l-pont ta' l-'ispecial reasons' gie ferm kunsidrat mill-Qrati Inglizi, u nkitbu diversi testi in materja. Fil-kawza 'Bennison vs Knowler, All England Law Reports, p. 302, 1947, gie ritenut li l-assikurat hu fid-dover li jinforma ruhu dwar il-portata tal-polza, jekk ma jifhimx sewwa l-estensjoni tal-'cover' taghha; u li, biex ikun hemm 'special reason', jehtieg li mhux biss hu haseb, anke jekk onestament, li kien kopert, imma jehtieg li kien hemm xi cirkustanzi li kienu ragjonevolment jiggustifikawh jahseb hekk."**

Fil-kaz in ezami jirrizulta li l-appellant kellu l-assigurazzjoni ta' Larissa D'Agata li se tiehu hsieb hi l-licenzja u l-assigurazzjoni u meta din ma rnexxilhiex milli tottjenihom sa l-ahhar ta' Mejju naqset milli tinforma lill-appellant. Irrizulta wkoll illi huwa ma saqx il-vettura kapriccozament izda sabiex ikun jista' jaghtiha lin-neputija tieghu f'kundizzjoni tajba sabiex hi ma tinkorrix f'perikolu. Inoltre l-fedina penali tieghu ma turix kondotta refrattarja (xilef difrejh mal-ligi f'zewg okkazjonijiet, darba madwar hamsa u ghoxrin sena ilu u darb'ohra aktar minn ghoxrin sena ilu). Ghall-kuntrarju ghandu xoghol regolari, jiehu hsieb lil

missieru u huwa nvolut fil-volontarjat. Ghalhekk din il-Qorti hi tal-fehma li ghandu jkun hemm temperament fil-perijodu ta' skwalifika tal-licenzja tas-sewqan.

Kwantu mbaghad il-multi nflitti, din il-Qorti tosserva illi l-ewwel Qorti naqset milli tapplika l-artiolu 17(f) tal-Kap. 9 tal-Ligjiet ta' Malta li jipprovdi li "persuna misjuba hatja ta' aktar minn reat wiehed li ghalih hemm pieni pekunjarji tinghata l-piena tal-multa jew ammenda oghla jew ta' l-oghla multa jew ammenda, skond il-kaz, b'zieda ta' nofs kull wahda mill-multi jew ammendi l-ohra". Peress illi l-ewwel Qorti kkundannat lill-appellant ghal multa ta' Lm75 dwar l-ewwel imputazzjoni u multa ta' Lm1,000 ghat-tieni imputazzjoni, il-multa kellha proprjament tinhadem hekk: Lm1,000 + (½ x Lm75) = Lm 1,037.50 ekwivalenti llum ghal €2416.72.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-appellant ghal multa ta' €174.70 ekwivalenti ghal Lm75 ghall-ewwel imputazzjoni u multa ta' €2329.37 ekwivalenti ghall-Lm1000 ghat-tieni imputazzjoni u in kwantu ordnat li l-licenzja tas-sewqan ta' l-appellant tigi skwalifikata ghal perijodu ta' tnax-il xahar, u minflok tikkundannah ghall-hlas ta' multa ta' €2416.72 u tordna li jigi skwalifikat mil-licenzji tieghu tas-sewqan ghal perijodu ta' hmistax-il gurnata minn nofs il-lejl tallum, filwaqt illi tikkonferma s-sentenza appellata fil-kumplament.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------